Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Frar 2021**
**(OR. en)**

**6262/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0037(NLE)**

**PECHE 56**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Frar 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 72 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar lil-konklużjoni ta’ Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta’ Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 72 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 72 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.2.2021
COM(2021) 72 final

2021/0037 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar lil-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kunsill, abbażi tar-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, Ftehim ġdid bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja. Fi tmiem dawn in-negozjati, fil-11 ta' Jannar 2021 in-negozjaturi inizjalaw Ftehim u Protokoll. Il-Ftehim il-ġdid iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim eżistenti li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2007[1]; dan ikopri perjodu ta' sitt snin (2021–2026) mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, li jista' jiġġedded bi ftehim taċitu. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' erba' snin (2021–2024) mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stipulata fl-Artikolu 15, jiġifieri d-data li fiha jiġi ffirmat mill-partijiet, u jista' jiġi estiż b'sentejn jekk il-partijiet jaqblu li jsir hekk.

L-għan ta' din il-proposta huwa li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Ftehim attwali ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd (FPA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvernijiet tad-Danimarka u ta' Greenland[2] ġie ffirmat fit-28 ta' Ġunju 2007 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Novembru 2007 għal perjodu ta' sitt snin. Il-Ftehim jiġġedded b'mod taċitu kull sitt (6) snin, u l-aħħar estensjoni seħħet fl-1 ta' Jannar 2019. Abbażi ta' dan, il-Protokoll[3] attwali ta' ħames (5) snin għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016[4] (skada fil-31 ta' Diċembru 2020) u jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotta tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni finanzjarja korrispondenti li għandha titħallas mill-Unjoni u mis-sidien tal-bastimenti tal-UE.

L-SPFA l-ġdid u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu jsegwu l-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd[5] riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha[6] ħalli titkompla s-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvernijiet ta' Greenland u tad-Danimarka fil-qasam tas-sajd u ħalli din tissaħħaħ.

L-għan tal-Protokoll huwa li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland, abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u filwaqt li jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) u tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni sejset il-pożizzjoni tagħha fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' qabel u fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandhomx jiġu konklużi Ftehim u Protokoll ġodda. Il-Protokoll jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lil Greenland jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta'

---

1 https://www.consilium.europa.eu/en/documents-publications/treaties-agreements/agreement/?id=2007046&DocLanguage=en

2 ĠU L 172, 30.6.2007

3 ĠU L 305, 21.11.2015, p. 1

4 https://www.consilium.europa.eu/en/documents-publications/treaties-agreements/agreement/?id=2015055&DocLanguage=en

5 ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

6 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2012 dwar id-*Dimensjoni Esterna tal-politika komuni tas-sajd*

Greenland u jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi tal-Gvern ta' Greenland biex jiżviluppa s-settur tas-sajd tiegħu, fl-interess taż-żewġ partijiet.

L-ispeċijiet koperti mill-Protokoll il-ġdid huma l-Bakkaljaw, ir-Redfish Pelaġiku, ir-Redfish Demersali, il-Ħalibatt ta' Greenland, il-gamblu tat-Tramuntana, il-Grenadier, il-Capelin u l-Kavalli. Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi opportunitajiet tas-sajd għal 12-il bastiment. Sitt Stati Membri tal-UE għandhom interess dirett fis-sajd fil-Protokoll il-ġdid, jiġifieri d-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, il-Litwanja u l-Iżvezja u, sa ċertu punt, Spanja u l-Portugall.

Min-naħa l-oħra, il-baġit tal-UE se jipprovdi kumpens finanzjarju annwali lil Greenland ta' EUR 16 521 754 li minnhom EUR 2 931 0000 huma allokati għall-appoġġ tal-politika tas-sajd ta' Greenland

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ġdid u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu jifforma parti mill-azzjoni esterna tal-UE fir-rigward tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCTs).

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd, u l-Artikolu 218(6)(a)(v) u (7) TFUE li jittratta l-konklużjoni tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u l-possibbiltà li n-negozjatur jiġi awtorizzat japprova, f'isem l-Unjoni, emendi fil-ftehim li jkunu ġew adottati permezz ta' proċedura ssimplifikata jew li jkun adotta korp stabbilit permezz tal-ftehim.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni ex-post twettqet matul il-perjodu bejn April u Awwissu 2019. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati matul l-evalwazzjoni ex-post tal-Protokoll għall-perjodu 2016–20. Saru konsultazzjonijiet ukoll mal-esperti mill-Istati Membri waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li jkun ta' benefiċċju li jiġġedded il-Protokoll mal-gvernijiet ta' Greenland u d-Danimarka. Ir-raġunijiet ewlenin għaliex kien ikkunsidrat ta' benefiċċju li jiġġedded il-protokoll huma, minn naħa waħda, minħabba li l-FPA u l-protokoll huma rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet tal-UE f'termini tal-għoti ta' aċċess għall-flotta tal-UE u l-appoġġ għall-kollaborazzjoni xjentifika u l-isfruttament sostenibbli u, min-naħa l-oħra,

minħabba li l-ftehim huwa rilevanti għall-gvern ta' Greenland f'termini ta' kooperazzjoni mal-UE.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ta' Greenland ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet ex post u ex ante, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni Ewropea hija ta' EUR 16 521 754, abbażi ta':

a) ammont annwali għall-aċċess tal-kategoriji previsti fil-Protokoll għar-riżorsi tas-sajd ta' EUR 13 590 754 għall-perjodu tal-Protokoll;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland ta' EUR 2 931 000 għall-perjodu tal-Protokoll. Dan l-appoġġ jilħaq l-objettivi tal-politika nazzjonali ta' Greenland b'rabta mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd marittimu tagħhom għall-perjodu kollu tal-Protokoll.

L-ammont annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokolli li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena[7].

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Protokoll implimentati fil-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija.

7 F'konformità mal-Ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit (bin-numru ta' referenza 2013/C 373/01).

2021/0037 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar lil-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[8],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem l-Unjoni Ewropea Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ġdid bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("Ftehim ta' Sħubija") kif ukoll Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid mal-Ftehim ta' Sħubija.

(2) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni ġew inizjalati fi tmiem dawn in-negozjati, fil-11 ta' Jannar 2021.

(3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim preċedenti li ġie konkluż bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra u li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2007.

(4) (4) B'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/…/UE[9], il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni ġew iffirmati fil-… [*daħħal id-data meta ġew iffirmati*].

(5) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni bdew japplikaw b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tagħhom.

(6) Jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

(7) L-Artikolu 12 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 4 u l-Artikoli 7 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi tal-Protokoll. Sabiex teħfief l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet,

---

8

9 ĠU L ..., ..., p. .

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim") u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll") huma b'dan awtorizzati f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim u dak tal-Protokoll huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

*Artikolu 2*

Skont id-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll li jadotta l-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 20 tal-Ftehim dwar is-Sajd u fl-Artikolu 14 tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka.

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[10]

11 – L-affarijiet marittimi u s-sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u għall-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli (SFAs)

11.03.01 – L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqin minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

X Il-proposta / l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[11]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) ma' pajjiżi terzi jissodisfaw l-għan ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għaż-żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tinbena sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-UE.

Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jiżguraw ukoll il-koerenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji meħudin fil-kuntest ta' politiki Ewropej oħrajn (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

<u>Għan speċifiku Nru 1</u>

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni Ewropea, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u

[10] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġitjar ibbażat fuq l-attività.

[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

konklużi Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ma' stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni/mistennija*

*Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Bil-konklużjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu tkun tista' titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland. filwaqt li bil-konklużjoni tal-Protokoll se jinħolqu opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Greenland.

Il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu wkoll għal ġestjoni u konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz ta' appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari fejn jidħlu t-tisħiħ tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu biex Greenland tuża r-riżorsi tal-baħar taġġha b'mod sostenibbli u se jikkontribwixxu għall-ekonomija tas-sajd ta' Greenland billi jippromwovu t-tkabbir marbut mal-attivitajiet ekonomiċi tal-qasam tas-sajd.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll).

id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

il-kontribut għall-impjiegi u għall-valur miżjud fl-Unjoni, kif ukoll għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli oħrajn).

il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd min-naħa tal-pajjiż sieħeb u tal-iżvilupp tiegħu fuq skala żgħira.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew fit-tul*

Hu maħsub li l-Ftehim u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni l-ġodda jibdew japplikaw b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tagħhom sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-interruzzjonijiet tal-attivitajiet tas-sajd li għaddejjin bħalissa skont il-Protokoll attwali.

Il-Ftehim u l-Protokoll il-ġodda se jipprovdu qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Greenland, u se jawtorizzaw lis-sidien tal-bastimenti tal-UE japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dik iż-żona. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll il-ġodda se jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u Greenland, bil-ħsieb li jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli. B'mod partikulari, dawn jipprevedu l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-data dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli skont il-Protokoll se jgħin lil Greenland fl-istrateġija nazzjonali tas-sajd tagħha.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Jekk l-Unjoni ma tikkonkludix Ftehim u Protokoll ġodda, il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih

klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fil-qafas iddefinit minn Protokoll tal-Ftehim. Għalhekk hemm valur miżjud ċar ħafna għall-flotta tal-UE ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u Greenland.

1.5.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-fondi allokati għall-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali ta' Greenland. Madankollu, il-fondi allokati għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati lill-Ministeru responsabbli għas-sajd (ġeneralment billi jiddaħħlu fil-liġi annwali dwar il-baġit), minħabba li din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament mingħand donaturi oħra ta' fondi internazzjonali biex jitwettqu proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Ma japplikawx

**1.6. Durata u impatt finanzjarju**

Proposta ta' **durata limitata**

– X Il-proposta / l-inizjattiva tkun fis-seħħ mill-2021 sal-2026

– X Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2025

☐ Proposta/inizjattiva għal **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,

– segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[12]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

[12] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Il-Kummissjoni (id-DĠ MARE) se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd min-naħa tal-operaturi, mad-data dwar il-qabdiet u mal-ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-appoġġ settorjali.<br><br>Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li matulha l-Kummissjoni u Greenland se jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u jekk ikun hemm bżonn jaġġustaw il-programmazzjoni u l-kontribuzzjoni finanzjarja. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

| |
|---|
| Il-kontribuzzjonijiet għall-aċċess u għall-appoġġ settorjali se jsiru permezz ta' pagamenti diżakkoppjati.<br><br>Il-pagamenti għall-aċċess se jkunu pagamenti annwali li jridu jsiru fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief il-pagament tal-ewwel sena li jrid isir fit-tliet xhur ta' wara li l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju. L-aċċess tal-bastimenti se jiġi kkontrollat billi jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.<br><br>L-ewwel pagament tal-appoġġ se jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju, dejjem jekk jintlaħaq qbil dwar programm annwali u pluriennali ta' implimentazzjoni; għas-snin ta' wara, dan se jkun kundizzjonali għar-riżultati miksuba. Ir-riżultati li jinkisbu u r-rata ta' implimentazzjoni se jiġu mmonitorjati skont il-Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali għall-politika tas-sajd ta' Greenland li l-Partijiet iridu jiftehmu dwarhom, abbażi ta' rapporti jew ta' provi dokumentati provduti mill-pajjiż sieħeb. |

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment ta' sistema tal-kontroll intern*

| |
|---|
| Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u n-nuqqas ta' użu jew id-dewmien fl-użu tal-fondi maħsubin għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd minn Greenland. Qed jiġi ppjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. Bħala parti minn dawn il-metodi ta' kontroll se |

ssir ukoll analiżi konġunta tar-riżultati, imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi biex jiġu sospiżi f'ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

*2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' errur*

Il-pagamenti marbutin mal-kostijiet tal-aċċess li jsiru fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jsirulhom kontrolli biex ikun żgurat li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli marbutin mal-appoġġ settorjali għandhom l-għan li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan l-appoġġ. Il-monitoraġġ isir mill-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-Delegazzjonijiet tal-UE kif ukoll waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta' matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F'każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament akkont li jkun imiss jiġi sospiż jew possibbilment jitnaqqas. Huwa stmat li b'kollox il-kontrolli għall-Ftehimiet kollha ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiswew madwar 1.8 % (tal-kontribuzzjonijiet tal-2018). Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-proċeduri ta' kontroll tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jissejsu fuq rekwiżiti regolatorji essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li jkunu effettivi. Huwa stmat li r-rata medja tal-iżbalji hija ta' 0.0 %.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku ma' Greenland u li tikkoordina b'mod regolari ma' dan il-pajjiż bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kull pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-kuntest ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli hu suġġett għar-regoli u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B'mod partikulari, il-kontijiet bankarji tal-pajjiżi terzi fejn titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja jiġu identifikati bis-sħiħ. Skont l-Artikolu 3(6) tal-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess u dik maħsuba għall-iżvilupp tas-settur għandhom jitħallsu f'kont tat-Teżor Pubbliku.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[13]. | minn pajjiżi tal-EFTA[14] | minn pajjiżi kandidati[15] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 11.03.01<br>L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFAs) | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitluba

*Fl-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff/Mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

13 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
14 L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
15 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Nru 2 | Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali |
|---|---|---|

| DĠ: MARE | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja [16] 11.03.01 | Impenji | (1a) | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | **99.130524** |
| | Pagamenti | (2 a) | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | **99.130524** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[17] | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** MARE | Impenji | =1a+1b +3 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | **99.130524** |
| | Pagamenti | =2a+2b | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.52175 | **99.13052** |

16 Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit.

17 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | +3 | 54 | 54 | 54 | 54 | 54 | 4 | **4** |
| | Impenji | (4) | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.52175 4 | **99.13052 4** |
| | Pagamenti | (5) | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.52175 4 | **99.13052 4** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 2** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | **99.1305 24** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | **99.1305 24** |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:</u>**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | **99.1305 24** |
| | Pagamenti | (5) | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | **99.1305 24** |
| •TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | 16.5217 54 | **99.1305 24** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | 16.5217 | **99.1305 24** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 54 | 54 | 54 | 54 | 54 | 54 | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2021** | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2021**[18] | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | **99.130524** |
| | Pagamenti | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | 16.521754 | **99.130524** |

[18] Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-outputs** ⇩ | | | **2021** | | **2022** | | **2023** | | **2024** | | **2025** | | **2026** | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip[19] | Kost medju | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | Numru | Kost | | Għadd totali | Kost totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[20]... | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Aċċess | Annwali | | | 13.590754 | | 13.590754 | | 13.590754 | | 13.590754 | | 13.590754 | 13.590754 | | 81.544524 |
| - Settorjali | Annwali | | | 2.931 | | 2.931 | | 2.931 | | 2.931 | | 2.931 | 2.931 | | 17.58600 |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | 16.521754 | | 16.521754 | | 16.521754 | | 16.521754 | | 16.521754 | 16.521754 | | **99.130524** |

[19] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[20] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…"

### *3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' għamla amministrattiva*

#### 3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N [21] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **barra mill-INTESTATURA 5[22] of the multiannual financial framework** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nfiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li jkunu diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ewlieni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

21 Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

22 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità ekwivalenti għal full-time: FTE)**[23] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”) | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [24] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jagħmel tajjeb għalihom il-persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà tqassam mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Il-persunal estern | |

23 AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

24 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Dan għandu x'jaqsam mal-użu tal-linja ta' riżerva (il-Kapitolu 40). |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– X Il-proposta/L-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[25] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

| |
|---|
| [...] |

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| [...] |

25 Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta’ 25 % għall-ispejjeż ta’ ġbir.